

23.2.2024

A9-0041/2

Emenda 2

Thierry Mariani, Jean-Lin Lacapelle
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0041/2024

Nathalie Loiseau

Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2023/2052(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Na. billi, sal-lum, il-Libanu ħa 1,5 miljun rifuġjat Sirjan u r-rifuġjati Palestinjani u Sirjani issa jammontaw għal 30 % tal-popolazzjoni totali tal-pajjiż; billi, mill-2011, il-Libanu kkontribwixxa għas-sikurezza tar-rifuġjati Sirjani tant li dan kien fattur importanti fil-kriżijiet ekonomiċi, soċjali, politiċi u ġeopolitiċi attwali fil-pajjiż;

Or. en

23.2.2024

A9-0041/3

Emenda 3

Thierry Mariani, Jean-Lin Lacapelle

f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0041/2024

Nathalie Loiseau

Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2023/2052(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Oa. billi rapport mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil ikkonkluda fi Frar 2023 li ma hemm “l-ebda riskju reali li persuna ċivili tiġi affettwata personalment minn vjolenza indiskriminata” fil-provinċji ta’ Damasku u Tartous; billi d-Danimarka qieset li diversi reġjuni fis-Sirja issa huma sikuri biex in-nies jgħixu fihom; billi, f’Diċembru 2023, Ċipru talab lill-UE tikkunsidra li tiddikjara li partijiet mis-Sirja huma sikuri biex jirripatrijaw ir-rifuġjati Sirjani;

Or. en

Emenda 4

Thierry Mariani, Jean-Lin Lacapelle
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0041/2024

Nathalie Loiseau

Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2023/2052(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 1 – punt r***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

(r) ifakkru li *s-Sirja ma tistax titqies, kompletament jew parzjalment, bħala pajjiż sikur għar-ritorn taċ-ċittadini Sirjani li jgħixu bħala rifuġjati u persuni li jfittxu l-ażil fl-Ewropa u madwar id-dinja, persuni li ħarbu mid-delitti tar-reġim u li jirriskjaw tortura u għajbien furzat jekk jirritornaw lejn is-Sirja; itennu lill-pajjiżi ospitanti, bħat-Turkija, il-Libanu, il-Ġordan, l-Iraq u l-Eġittu, li s-Sirja mhijiex pajjiż sikur, la kompletament u lanqas parzjalment, u li ċ-ċittadini Sirjani għalhekk ma jistgħux jirritornaw b'mod sikur; jisħqu li kull ritorn irid ikun volontarju u b'kundizzjonijiet dinjitużi; jisħqu li xi Sirjani ħarbu minn organizzazzjonijiet terroristiċi li joperaw fis-Sirja bħall-ISIS; jisħqu li hemm żoni fis-Sirja fejn il-gruppi u l-milizzji vjolenti tal-ġiħadisti għadhom attivi; jenfasizzaw l-impatt tal-kunflitt Sirjan fuq l-438 000 rifuġjat Palestinjan stmati li jinsabu fil-pajjiż u li jiddependu primarjament mill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) għall-ħtiġijiet bażiċi tagħhom; jesprimu tħassib fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Aġenzija u jappellaw biex ir-rifuġjati Palestinjani jiġu inklużi aħjar fil-pjanijiet umanitarji tal-UE fis-Sirja;*

(r) ifakkru li *l-biċċa l-kbira tar-reġjuni fis-Sirja jistgħu jitqiesu bħala sikuri u li ħafna rifuġjati Sirjani preżenti fl-UE u fil-pajjiżi ġirien tas-Sirja, bħal-Libanu, issa għandhom jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom;*

